# 150 sena mill-kummissjoni tal-vara tat-Trasfigurazzjoni ta' Sidna Ġesù Kristu – is-Salvatur



L-istatwa tat-Trasfigurazzjoni tal-Mulej, jew kif inhi magħrufa fostna, 'tas-Salvatur', hija kapulavur tal-istatwarju Karlu Darmanin. Inħadmet l-Isla fejn il-familja Darmanin kienet tgħix. Karlu, iben Ġużeppi u Marija Cumbo, twieled l-Isla nhar it-30 ta' Awwissu 1825, u żżewweġ lil Anna Ready fis-27 ta' Frar 1848 fil-knisja parrokkjali ta' Ħal Għaxaq. Missier Karlu kellu s-sengħa ta' marmista li kien tgħallimha mingħand zijuh Karlu Duranti, li kien jiġi ħu ommu. Ġużeppi, li kellu familja kbira mhux ħażin, waqqaf id-ditta 'Giuseppe Darmanin e Figli' fejn uliedu s-subien, anki meta żżewġu, baqgħu jaħdmu. Fis-seklu dsatax f'Malta kien hawn diversi statwarji bħal Vincenzo Dimech, Marjanu Gerada, Pietru Pawl Azzopardi, Karmenu Mallia, Toni Chircop, Xandru Farrugia, Vincenzo Maria Cremona, Salvatore Dimech, Salvatore Psaila, Ġlormu Darmanin u Karlu Darmanin (li kien ukoll marmista). Ta' min jgħid ukoll li l-artista Karlu Darmanin kien wieħed mill-istatwarji ewlenin u magħrufa tal-ġżejjer Maltin tas-seklu dsatax.

Wara li ġie aċċettat il-mudell ta' Karlu Darmanin, fil-5 ta' Jannar 1863 l-Isqof Gaetano Pace Forno ħareġ id-digriet meħtieġ biex seta' jinbeda x-xogħol fuq l-istatwa tat-Trasfigurazzjoni ta' Sidna Ġesù Kristu. Din l-opra ġiet ikkummissjonata minn Antonio Mallia, negozjant, flimkien ma' Michele Attard, ħaddiem fil-ġebel, wara li Darmanin kien kiteb f'isimhom lill-awtoritajiet ekklesjastiċi għall-permess meħtieġ. L-awtoritajiet riedu li wara li jsir il-ħlas, l-istatwa tiġi mogħtija lill-knisja ta' Ħal Lija u li tkun merfugħa proċessjonalment mill-fratelli tas-Santissimu Sagrament.

Fil-25 ta' Frar 1863, Karlu Darmanin ġie kkummissjonat minn Mallia u Attard, it-tnejn minn Ħal Lija, biex jagħmel l-istatwa li tirrappreżenta t-Trasfigurazzjoni ta' Ġesù Kristu biż-żewġ figuri l-oħra ta' Mosè u Elija fl-istess xena, skont il-mudell mogħti lilu għall-esekuzzjoni. Dawn il-figuri statwarji kellhom jiġu mmudellati, mogħtija ż-żejt il-lewż u ndurati skont kif titlob is-sengħa u l-arti. Il-pedistall u l-bradella tal-injam aħmar jew injam tal-Punent riedu jkunu bi skultura mqabbża. L-ilbies tal-istatwi u l-kulur tagħhom kellu jkun stukkat u ndurat. Darmanin kellu jlesti wkoll sal-15 ta' Lulju, 1864, ħames lasti u erba'

forċini biex l-istatwa tkun tista' tinġarr proċessjonalment.

Is-somma ta' 100 lira sterlina kellha titħallas għal dan ix-xogħol kollu. Dawn il-flus kellhom jitħallsu hekk:

- 25 sterlina wara li jitlesta x-xogħol tal-injam fil-pedistall u l-bradella.
- 25 sterlina wara li jitkompla x-xogħol fuq l-imsemmija statwa.
- 50 sterlina oħra meta l-istatwa tkun lesta għal kollox u aċċettata minn Mallia u Attard.

Karlu Darmanin intrabat li jlestiha għalkollox sad-data miftiehma u f'kas li toħroġ b'xi difett u ma tkunx aċċettabbli kellu jrodd lura l-flus li jkun irċieva bil-quddiem. Mallia u Attard intrabtu li jħallsu l-ispejjeż għat-transport tal-istatwa. Huwa importanti li wieħed josserva li dan il-ftehim ġie mfisser bil-Malti lill-partijiet biex żgur jifhmuh u ffirmat fil-post numru 297, Triq San Pawl, il-Belt, li kien iservi ta' uffiċċju notarili.

L-istatwa titulari tas-Salvatur tlestiet kif miftiehem. Fl-4 ta' Lulju, 1864, Karlu Darmanin irċieva l-ammont kollu ta' 100 lira sterlina skont il-ftehim. Fid-29 ta' Settembru, 1863, tħallsu 25 sterlina, fil-15 ta' Diċembru, 1863, tħallsu 25 sterlina oħra, u l-bilanċ tħallas meta l-istatwa kienet ikkunsenjata u aċċettata b'sodisfazzjon kbir minn Mallia u Attard fil-knisja parrokkjali ta' Ħal Lija nhar it-2 ta' Lulju, 1864.

TAKE OFF

*Inservu kull kwalità ta' ikel bi prezzijiet moderati. Nispeċjalizzaw fil-PASTA, STEAKS, CHICKEN u anki LAĦAM TAŻ-ŻIEMEL.*

St. Thomas Street, Luqa Tel: **21800243**

**BORG BROS REMOVALS**

'Borg Bros Garage'
Triq id-Demnuq, Siġġiewi

9947 5010 | borgbros@gmail.com